# Happy Birthday

## Tletin Sena minn minnu bdiet tiġi stampata u titqassam fost il-parroċċani u oħrajn 'Leħen il-Qala'

*Kitba ta'* Mons. Ġużeppi Buttiġieġ

Fit-titlu ta' dan l-artiklu ma wżajtx il-kelma 'rivista' għax tletin sena ilu dan il-mezz ta' komunikazzjoni parrokkajli beda joħroġ taħt forma ta' 'ġurnal' jew 'gazzetta'. Maż-żmien il-'ġurnal' bidel il-libda u beda jiġi ppubblikat bħala 'rivista' kif għadu sal-lum.

### Għandi quddiemi kopja ta' l-ewwel ħarġa ta' 'Leħen il-Qala'

Fil-fatt għandi quddiemi kopja ta' l-ewwel ħarġa ta' Leħen il-Qala. It-titlu b'ittri kbar huwa 'LEĦEN IL-QALA', Ħarġa Nru. 1 - 1973. Ma ġenbu hawn l-arma tal-Qala u mbagħad, ħdejjha hemm miktub hekk 'Ġurnal Parrokkjali ta' kull tlett xhur maħruġ mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-Qala Għawdex - titqassam b'xejn'. F'paġna oħra tal-ġurnal hemm tifsira ta' din l-aħħar espressjoni 'titqassam b'xejn'. Hemm miktub hekk: 'Aqra Din' u ħdejha s-saba' l-werrej jurik x'taqra. Hekku: 'Għalkemm il-ġurnal tagħna 'JITQASSAM B'XEJN' tifhmu wkoll li 'MA JSIRX B'XEJN!' Iqumilna madwar £30, li minn x'imkien iridu jiġu. Iżda aħna għandna fiduċja kbira fil-providenza t'Alla u fil-ġenerożità tal-Qalin f'din l-attività ta' ġid kbir għall-parroċċa tagħna...' Imbagħad hemm tifsir kif wieħed jista' jgħin u jagħlaq hekk: 'AĦNA ŻGURI MILL-QALB TAJBA TAGĦKOM'

### Fil-Birthday kulħadd jistenna xi rigal

Nistħajjel tgħiduli 'Iva bil-flus bdejt?'. Fil-*birthday* kulħadd jistenna xi rigal u anke 'Leħen il-Qala' tistenna xi rigal u tgħid 'grazzi' lil dawk kollha li għenu biex tibqa' tiġi stampata, tibdel il-libsa u tilbes waħda mill-isbaħ f'dawn it-30 sena. Tajjeb! £30 x'inhuma? Kienu ħafna fl-1973. Illum biex titħallas ir-rivista mhux '0' biss irridu nżidu u minn £30 isir Lm 300, iżda ħafna aktar, għax ftit anqas, jew ftit iżjed, kull darba tiswa mal-Lm 500. Iżda l-providenza t'Alla, il-qalb tajba tal-Qalin u l-ħidma siewja ta' dawk li jiġru m'Għawdex biex jiġbru r-reklami baqgħu veri u żgur li jibqgħu. Mingħajr spirtu ta' sagrifiċċju ma jsir xejn għall-ġid, għalhekk kull min għen u jibqa' jgħin anke b'għotjiet ġenerużi għar-rivista 'Leħen il-Qala', għandu mertu kbir quddiem il-Mulej. Kull messaġġ nisrani mogħti mill-istampa t-tajba jħalli ħafna ġid. Anke r-rakkont ta' diversi attivitajiet parrokkjali varji, iqanqal fi qlub ta' kategoriji differenti bħal tfal, żgħażagħ, xjuħ, miżżewġin, membri ta' għaqdiet reliġjużi u soċjali, xrara ta' nar li jdawwal l-imħuħ ta' dawn l-individwi b'dawl il-fidi fid-dlam ta' dinja qarrieqa, materjalista, konsumista, li qed tipprova titfi d-dawl tal-veritajiet evanġeliċi u ekklesjali, dinja li trid teqred il-valuri nsara u ddaħħal valuri pagani.



Gurnal Parrokkjali ta' kull tliet xhur maħruġ mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-Qala Għawdex. Jitqassam b'xejn.

LEHEN il-QALA

Ħarġa Nru. 1 1973

JAGHLAQ MITT SENA FOSTNA

LEHEN IL-QALA

Gurnal Parrokkjali ta' kull tliet xhur maħruġ mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-Qala Għawdex. Jitqassam b'xejn.

Ħarġa Nru. 7, Sena II HARIFA 1974

L-INKURUNAZZJONI TAL-KUNCIZZJONI

Ghoxrin Sena Wara!

ESSAY TA' D.A.S.

LEHEN IL-QALA

IT-TIELET SENA Nru. 11 HARGA TAL-HARIFA 1975

Gurnal Parrokkjali ta' kull tliet xhur. Jitqassam b'xejn

WARA L-LINEF: OPRI OHRA

KORRISPONDENT

XOGHOL UTLI MIZ-ZGHAZAGH

### Messaġġi speċjali min-nies Qalin prominenti fl-ewwel ħarġa, speċjalment l-Arċipriet Dun Ġużepp Borġ Attard, Arċipriet f'dak iż-żmien. Finijiet differenti.

Fil-messaġġ li kiteb l-Arċipriet ta' dak iż-żmien Dun Ġużepp Borg Attard, fost l-oħrajn semma diversi modi li biħom kellu jiżżewwaq dan il-mezz ta' komunikazzjoni parrokkjali. Kiteb hekk: 'Bi ħsiebna nżewquħ b'ħafna

artikli interessanti dwar reliġjon u ħajja, storja ta' raħalna, aħbarijiet mid-dinja kattolika, kif ukoll avviżi u aħbarijiet ta' dak kollu li jsawwar il-ħajja tal-parroċċa. Dawn il-kelmiet ta' l-Arċipriet Borġ Attard jistgħu jinġabru f'żewġ kelmiet kif kienu jgħidu l-antiki rumani '*religio et patria*', reliġjon u mħabba lejn raħal twelidna. Dwar reliġjon jagħmel enfasi kif ir-reliġjon jeħtieġ tkun dik li ssawwar ħajjitna bħala nsara u l-iżvilupp tat-tagħlim reliġjuż b'aħbarijiet mid-dinja kattolika. L-istess fuq raħal twelidna jgħid li jeħtieġ inxandru d-drawwiet ta' l-imgħoddi u dak li minn żmien għal żmien isawwar ġrajjiet raħalna. Fuq l-ewwel messaġġ dwar kif ir-reliġjon, tagħlim, talb u formazzjoni spiritwali, kiteb fl-ewwel ħarġa b'mod għaqli fil-messaġġ tiegħu is-superjur tal-M.U.S.E.U.M., tant maħbub u qatt minsi għalkemm mejjet Salvu Buttiġieġ. Dwar l-imħabba lejn raħal twelidna fin-nisġa ta' storja dwar l-imgħoddi u l-preżent, jikteb wisq tajjeb fil-messaġġ tiegħu, bin il-Qala, l-Onerevoli Dr. Anton Buttiġieġ, Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari, kif kien dak iż-żmien u kif iffirma. Dak li ħabbar l-Arċipriet Borġ Attard għadu jsir llum b'xi ħaġa aktar skond l-iżvilupp taż-żminijiet li qatt ma jieqaf.




## Barra finijiet differenti, 'Leħen il-Qala' kellu jilħaq kategoriji differenti ta' Qalin u oħrajn.

"Leħen il-Qala' beda jiġi stampat għal finijiet differenti jew biex jilħaq kategoriji differenti ta' nies: Qalin li jgħixu l-Qala, Qalin li huma emigranti f'diversi pajjiżi tad-dinja u dawk kollha li jgħixu fejn jgħixu jinteressaw ruħhom mill-Qala tagħna". Dan jagħmlu ċar ukoll l-Arċipriet Borġ Attard fil-messaġġ u jikkonfermah speċjalment dwar l-emigranti Qalin l-Isqof t'Għawdex Mons. Nikol Cauchi. Ħadt punti importanti minn messaġġi ta' erbgħa minn ħafna wħud, li żgur jekk taqraw dik l-ewwel ħarġa kitbu messaġġi speċjali.

Fit-30 *birthday* ta' 'Leħen il-Qala' nixtieq ngħidilkom biex x'ħin tirċievu l-kopja ta' 'Leħen il-Qala' ma titfgħuhiex f'ġenb u tabbandunawha. Aqrawha u għadduha lil ħaddieħor. L-istampa: ġurnali, kotba, *magazines*, u l-bqija, iħallu effett kbir fuq min jaqrahom. Niftakar tajjeb x'qalilna fis-snin ħamsin, meta kont seminarista, f'*lecture* li għamlilna Douglas Hyde, li kien kommunista Ngliż u kkonverta għall-kattoliċiżmu. Irrakontalna fatt li kien kitbu fil-ktieb li kiteb biex jirrakkonta l-konverżjoni tiegħu. 'Bħala komunisti kellna l-ordni li kull ġurnal komunista li naqraw, qatt ma narmuh wara li naqrawh. Kellna ordni li nħalluh x'imkien, fuq *seat* ta' karozza tal-linja li nkunu nivvjaġġaw fuqha, f'xi rokna fil-post tax-xogħol u semma ħafna postijiet oħra. Jeħtieġ li aħna, ulied id-dawl inkunu għaqlin bħal jew aktar minn ulied id-dlam, kif jgħidilna Ġesù stess. Fil-fatt proverbju antik bil-Latin jgħid: '*Verbo volant; scripta moment*'. Il-kliem itir, il-kitba tibqa', tibqa' biex tinżel f'qalb il-bniedem u tħalli l-frott tagħha, jekk tajba, frott tajjeb, jekk kitba ħażina, frott ħażin. Nittamaw u nħossuna ċerti li 'Leħen il-Qala' frott tajjeb qed iħalli.




## 'Leħen il-Qala' kien dejjem għal qalbi

'Leħen il-Qala' kien dejjem għal qalbi. Konna l-qassisin ta' dak iż-żmien f'laqgħa li kellna ma' l-Arċipriet Borġ Attard li ġie propost u deċiż li jibda joħroġ dan il-ġurnal, illum rivista. Dan jidher ċar f'dak li qal fil-messaġġ l-istess Arċipriet: 'Meta fil-laqgħa tal-qassisin tal-parroċċa ddeċidejna li l-parroċċa tagħna jkollha l-ġurnal tagħha, dritt tajt l-appoġġ sħiħ tiegħi għaliex naf is-siwi ta' dan il-mezz fil-pastorali moderna ta' kull parroċċa'. Mill-ħarġa tal-festa tas-sajf 1976 bdejt nikkontribwixxi b'kitba regulari fil-ġurnal. Kont ġibt poeżija: 'Tislima lil San Gużepp'. L-aħħar huwa dan l-artiklu li qed nikteb issa. F'dak iż-żmien konna waqqafna Bord Editorjali tal-ġurnal taħt it-tmexxija tal-Arċipriet Borġ Attard, jien li kelli nikteb kull darba 'Ħsieb Spiritwali', Euchar Mizzi li kellu jieħu ħsieb il-Kronaka tal-Qala u Michael Debono li kellu jikteb dwar invenzjonijiet u ġrajjiet tad-dinja kontemporanja. Illum il-Bord Editorjali huwa aktar numeruż u n-numru ta' suġġetti li dwarhom jinkitbu artikli jew rakkonti tkattar bil-bosta.

## X'tista tagħmel int biex issebbaħ 'Leħen il-Qala'!

Bdejt bil-flus u sa nagħlaq b'sejħa għall-kontribuzzjonijiet interessanti ta' kitba li tolqot il-qarrejja wara 30 sena minn meta bdiet toħroġ 'Leħen il-Qala', 30 sena medda ta' żmien! Tbiddlu l-valuri, tbiddlu l-metodi, tbiddlu l-mentalitajiet u x'baqa' li ma tbiddilx? Mela min għandu xi talent moħbi jew mikxuf, jgħin billi jikkontribwixxi kitba li tolqot lill-qarrejja tat-tielet millenju, ma jitgħażżinx. Jagħti sehmu mill-aħjar biex il-libsa tar-rivista tagħna tkompli tisbieħ.